

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

18.2.2008

0014/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Filiz Hakaeva Hyusmenova, Metin Kazak, Vladko Todorov Panayotov,
Bilyana Ilieva Raeva, Iliana Malinova Iotova

dwar politika komuni Ewropea għall-kura u t-trobbija tat-tfal żvantaġġati

Data ta' skadenza: 22.5.2008

0014/2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar politika komuni Ewropea għall-kura u t-trobbija tat-tfal
żvantaġġati**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-responsabilità għat-trobbija tat-tfal u l-adoloxxenti hija, l-ewwel u qabel kolloxx, id-dover tal-familja, iżda wkoll tas-soċjetà u ta' l-Istat,
- B. billi huwa wkoll imħasseb rigward it-twissijiet numerużi li qed jingħataw mid-djar għat-tfal li kienu mċaħħda mill-kura tal-ġenituri tagħhom fl-UE kollha,
- C. billi jinnota l-għeruf komuni ta' tali problemi fl-Istati Membri ta' l-UE,
- D. billi jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini Ewropej kollha għall-aċċess indaqs għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa,
 1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tinkoraġġixxi l-isforzi fil-livelli kollha min-naħa ta' l-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi ta' l-UE lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-kura tat-tfal;
 2. Jitlob li l-kura ta' kemm l-adoloxxenti żvantaġġati u kemm ta' dawk fil-kura barra l-familja jsiru prijorità tal-politika Ewropea sakemm jasal żmien fejn in-nuqqas ta' ugwaljanza degradanti tat-tfal li l-familji tagħhom ma jriduhomx jinqered u dawn ikunu integrati fis-soċjetà;
 3. Jitlob li jkun hemm monitoraġġ kostanti sakemm id-disparitajiet fl-istandards tal-kura jkunu eliminati;
 4. Jopponi tentattivi biex kwistjoni soċjali tant kumplessa tkun politiċizzata u biex tintuża bħala propaganda populista ta' livell baxx u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri ta' l-UE biex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki u soluzzjonijiet leġiżlattivi tajbin rigward il-kura ta' tfal żvantaġġati;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea.